MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1024/1997/1

**Norman Bezzina**

**v.**

**Joe Mifsud u Felix Agius bhala editur ezekuttiv tal-gurnal KULHADD**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attur fit-8 ta’ Mejju 1997, li jaqra hekk:
“Peress illi fil-harga tal-gurnal KULHADD, tal-Hadd 4 ta’ Mejju 1997 gie pubblikat fl-ewwel faccata artikolu intitolat

TANGENTI F’SAN RAFFAELE (Dok. A), miktub mill-konvenut Joe Mifsud u pubblikat mill-konvenut l-iehor Felix Agius bhala editur tal-gurnal in kwistjoni gew attribwiti fatti determinanti li huma malafamanti fil-konfront ta’ l-attur li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma ntizi li jwegghu, jaggravaw jew ikissru r-reputazzjoni tieghu;

“Peress illi l-konvenuti huma l-awturi tal-artikolu in kwistjoni u l-editur tal-gurnal imsemmi rispettivament;

“Peress illi l-attur bhala parti malafamata u danneggjata, ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Jghidu il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandiex;

“1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku;

“2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti bhala danni b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 ta’ Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-20 ta’ Apriil 1998 li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhijiex libelluza fil-konfront ta’ l-attur.

“2. Illi l-fatti msemmija jikkonsistu f’rapurtagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbli f’socjeta’ demokratika, kemm taht il-ligijiet ta’ l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

“3. Illi noltre l-pubblikazzjoni msemmija tikkontjeni rapurtagg ta’ intervista minn personagg involut fil-kwistjonijiet ta’ interess pubbliku.

“4. Illi noltre l-pubblikazzjoni hija koperta bil-privilegg a bazi ta’ l-artikolu 12A u l-artikolu 33 (b) u (d) ta’ l-Att X ta’ l-1996.

“5. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f’*fair comment* dwar kwistjoni ta’ interess pubbliku u huma accettabbli f’ socjeta’ demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li din il-kawza u l-kawza fl-ismijiet **Norman Bezzina v. Joe Mifsud**, citazzjoni numru 1023/97, instemghu flimkien billi jittrattaw l-istess meritu ghalkemm f’pubblikazzjonijiet differenti, u l-provi f’din il-kawza tqiesu li jiswew ghall-ohra, u z-zewg kawzi gew decizi mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-istess jum;

Rat is-sentenza moghtija f’din il-kawza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Dicembru, 2007, li in forza taghha cahdet it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi dina l-kawza u l-kawza numru 1023/97 nstemghu flimkien billi jittrattaw l-istess mertu ghalkemm f’pubblikazzjonijiet differenti u l-provi f’dina l-kawza jiswew ghall kawza l-ohra li wkoll qed tigi deciza llum.

“Il-Qorti a skans ta’ ripettizzjoni taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzzjonijiet raggjunti fil-kawza l-ohra, li ghanhom jghoddu ghal dina l-kawza wkoll.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"… … … tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti tal-14 ta' Dicembru 2007 in kwantu cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra tieghu, billi tilqa' t-talbiet tal-attur appellant u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati, bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
"… … … tichad l-appell tal-attur u tikkonferma minflok id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' malafama permezz ta' stampat li l-attur qed jallega li sofra b'allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu f'artikolu fil-gurnal "Kulhadd" li nkiteb mill-konvenut. L-attur jghid li hassu ingurjat fejn inghad li hu kien involut f'korruzzjoni in konnessjoni mal-kuntratt tal-bini tal-isptar Mater Dei. L-attur cahad dawn l-allegazzjonijiet.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-attur ghall-istess ragunijiet li cahdet it-talbiet tal-attur fil-kawza l-ohra li mxiet ma' din. L-attur ressaq appell f'din il-kawza wkoll u bazikament issolleva l-istess aggravji li gew trattati u michuda minn din il-Qorti fil-kawza l-ohra li wkoll giet deciza llum.

Il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghal, u tadotta ghall-fini ta' din il-kawza, il-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fil-kawza l-ohra (Citazzjoni Numru 1023/97) li bis-sahha taghhom cahdet l-appell tal-attur, u qieghda, ghalhekk, bl-istess mod u ghall-istess ragunijiet tichad l-appell tal-attur f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma

s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------